**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 29 t'April 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 20/2024 JPG**

**Kawza nru.: 21**

**MC**

**Vs**

**RM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attrici datat 17 ta' Jannar 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti kkuntrattaw iz-zwieg taghhom nhar it-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) fil-Knisja Parrokjali ta' San Gorg, Hal Qormi;*

2. *Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt datat sittax (16) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) minn nutar Dr Anne Marie Agius liema kuntratt qieghed jigi hawn esebit u mmarkat bhala Dok MC 1. Illi ghalhekk, il-partijiet jissodisfaw l-kriterju tal-Artiklu 66B9B) tal-Kap 16 tal-Ligijiet tal-Malta;*

3. *Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

4. *Illi bejn il-partijiet ma kienx hemm ulied u l-ebda manteniment ma huwa dovut lejn wiehed jew wahda mill-partijiet;*

5. *Illi ghalhekk il-kriterji imposti mill-Ligi ghall-otteniment tad-divorzju taht Artikolu 66B huma sodisfatti;*

*Għaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tippronunzja l-ħall taż-żwieg bejn il-partijiet permezz ta' divorzju, kif ukoll tordna lir-Reġistratur tal-Qrati javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet ai termini tal-Ligi.*

.

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimat (Vide Fol 15) li taqra hekk;

*Illi l-esponent ma jopponiex ghad-divorzju u li dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet stante li l-partijiet ilhom separati u ma hemmx possibbilita ta' rikonciljazzjoni.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu (Vide Fol 21)

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet (vide affidavit fol 18)** u kkonfermat illi il-partijiet izzewgu nhar is-12 ta' Mejju 2018 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied. Iddikjarat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 16 ta' Gunju 2023 fl-atti tan-Nutar Dr Anne Marie Agius. Inoltre, ddikjarat illi l-partijiet ilhom jghixu separatament 'l fuq minn sena. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta'

manteniment.

**L-intimat xehed (vide Fol 16)** u kkonferma u kkorrobora ix-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-***

***miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-12 ta' Mejju 2018 liema zwieg jgib certifikat numru 1156/2018 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 20). Minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Anne Marie Agius nhar 16 ta' Gunju 2023 (Vide fol 2 et seqq.). Di piu', jirrizulta li l-partijiet ilhom jghixu separatament 'l fuq minn sena. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1156/2018 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**